MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2014

Numru. 1072/2014

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Elton Taliana)**

**Vs**

**Mark Zammit**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Mark Zammit ta' 29 sena imwieled Floriana nhar id-19 ta' Jannar 1985, bin Alfred u Miriam u residenti gewwa 4, Triq ic-Cieca, Kappara, detentur tal- karta tal-identita'

nru 83685(M), gie akkuzat talli nhar l-1 ta' Novembru 2014 ghall- habta tas-sitta u nofs ta' filghodu u fil-hinjiet ta' qabel gewwa San Giljan :

1) Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamilt hsara fil-'perspex' tal-Ghassa ta` San Giljan, liema hsara ma jkunx jiskorri l-mitejn u hamsin Euro (€250);

2) Saq jew ipprova jsuq jew kellu l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

3) Saq jew ipprova jsuq jew kellu l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor wara li ikkonsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt;

4) Harab mill-Kustodja tal-persuna jew tal-persuni inkarigati mill-kustodja tieghu;

5) Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat li, fl-udjenza ta` llum stess, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-istqarrija rilaxxjata volontarjament mill-imputat, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta’ piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss, l-ammissjoni ta` l-imputat fl-ewwel udjenza, dak li huwa vverbalizza fl-udjenza ta` llum stess fejn wera li ddispjacieh ferm u ghamel apologija pubblika ghal dak li ghamel u intrabat li jhallas l-ispejjez minnu kkawzati f’dan l-incident; il-fatt li hu ghandu s-sengha ta` *chef*, sa ftit zmien ilu kien atleta, u li hu ma ghandux rezistenza ghall-alkohol u kien propju minhabba f’hekk li spicca fl-ghawg; il-fatt li hu kien ghaddej minn mumenti ta` dwejjaq, sitwazzjoni li kompliet ipprecipitat l-incident.

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 325(1)(c), 151 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikoli 15A(1), 15B(1), 15H(1)(a) u 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lil Mark Zammit hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u :

(a) billi jissussistu l-elementi ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-istess Artikolu, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin mill-llum. Il-Qorti fissret lil Mark Zammit bi kliem li jinftiehem, il-konsegwenzi legali ta’ din is-sanzjoni imposta fuqu;
(b) in oltre tikkundannah ghall-piena tal-multa fis-somma komplessiva ta` elf u mitejn euro (€1200);
(c) in oltre, tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan ta` Mark Zammit ghal zmien sitt (6) xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------